MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 236/1998/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Ottubru, 2003 .**

**Citazzjoni numru : 236/1998G1(PC)**

John Xerri .

vs

Louis Agius .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fit-tnax (12) ta' Marzu, elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) ghal habta ta' l-erbgha neqsin kwart ta' wara nofs inhar (3.45 pm), filwaqt illi l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzoni EBB 713 fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAU 685 illi kienet misjuqa mill-attur, u kkagunalu debilita permanenti kif iccertifika t-tabib R. Aquilina, skond certifikat hawn anness u markat Dokument A ;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi, il-konvenut naqas illi jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni dovuti lill-attur bhala kumpens ghad-debilita' permanenti li l-attur sofra ;

Illi l-konvenut u s-socjeta' ta' l-assikurazzjoni tieghu diga' accettaw ir-responsabilita' ghall-kollizjoni imsemmija, stante illi diag' hallsu l-ispejjez tal-hsara li kien hemm fil-vetturi li kienu nvoluti fl-istess kollizjoni .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala kumpens ghad-debilita' permanenti illi huwa sofra b'konsegwenza tal-kollizjoni li sehhet unikament bi htija, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut ;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, in linea ta' danni, dik is-somma li tigi hekk likwidata .

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Awissu, 1998 u ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru, 1998 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut li ghaliha minn issa qed jigi mharrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-incident mertu ta’ din il-kawza l-attur ma sofra ebda debilita’ permanenti u fil-fatt fil-gurnata tal-incident l-attur ma dahalx l-isptar .

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut mahlufa minnu .

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Frar 1998 fejn il-kirurgu Mr. Charles Grixti gie nominat bhala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-feriti li garrab l-attur f’dan l-incident .

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess espert pprezentata fl-1 ta’ Settembru 2000 u debitament mahlufa minnu fid-29 ta’ Dicembru 2000 .

Innotat illi l-kontendenti minkejja illi talbu l-fakolta’ li jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet, ghal darbtejn naqsu li jaghmlu dan fiz-zmien koncess.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti .
Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kollizzjoni li sehhet fit-12 ta’ Marzu 1998 fi Triq l-Imgarr, ix-Xewkija, Ghawdex, bejn karozza misjuqa mill-attur u *truck* misjuq mill-konvenut . Billi r-responsabilita’ ghal dan l-incident, kif jirrizulta mill-istess citazzjoni hija gia ammessa mill-konvenut, u nfatti id-ditta assikuratrici tieghu anke ikkompensat lill-attur ghad-danni kollha li garrab fil-vettura tieghu, it-talbiet huma limitati ghall-likwidazzjoni tad-danni subiti mill-attur minhabba l-kura li kellu bzonn jiehu in segwitu ghal din il-kollizjoni u ghad-debilita’ permanenti li huwa sofra per konsegwenza ta’ l-istess incident stradali .

A. **Damnum emergens** : Irrizulta mill-ircevuti fiskali esebiti mill-attur illi bhala spejjez inkorsi fit-terapija u ezamijiet medici li kellu jiehu in segwitu ghal din il-kollizjoni, huwa nefaq erba' u ghoxrin lira maltija (Lm24) f'physiotherapy[1], tletin lira maltija (Lm30) f'konsulti ghand il-kirurgu Mr. Raymond Aquilina[2] u tletin lira (Lm30) ohra ghar-rapport mediku ta' l-istess kirurgu[3]; b'kollox ghalhekk : erba' u tmenin lira maltija (Lm84) . Dawn l-ispejjez jidhru li huwa gustifikati u ghalhekk m'hemm l-ebda raguni ghaliex l-attur m'ghandux jigi rimborsat ghalihom.

B. **Lucrum cessans** : Irrizulta mir-rapport mediku ta' l-espert minnha nominat illi l-attur bid-daqqa sofra dak li jissejjah "a whiplash injury" f'ghonqu, u l-espert mediku ddikjara li konsegwenza ta' hekk l-attur ser jibqa' jsofri minn debilita' permanenti kkalkolata ta' hamsa fil-mija (5%)[4]. Dan ir-rapport ma gie kontradett minn hadd mill-kontendenti u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccettah .

Irrizulta mill-informazzjoni migbura dwar l-attur mill-espert mediku illi dan, minn meta rritorna mis-safar ghal-habta tal-1992, qatt ma hadem jew impjega ruhu f'dawn il-gzejjer, u allura jista' jingieb l-argument illi huwa fil-fatt ma sofra ebda telf ta' qliegh . Imma kif gie anke ribadit mill-Qrati taghna f'kazijiet simili, ma hux gust illi persuna li tigi menomata b'debilita' permanenti f'incident stradali ma tigix ikkompensata minhabba li ma tkunx sofriet ebda telf ta' qliegh attwali, partikolarment meta taht il-ligi maltija m'hemmx dritt ghad-danni morali ghall-ugiegh u sofferenza u ghat-tnaqqis fil-kwalita' tal-hajja tal-vittma minhabba d-debilita' li jkun garrab[5] .

Skond il-gurisprudenza lokali konstanti ghal diversi snin f'kazijiet simili tintuza l-formula stabilita fil-kawza "Butler vs Heard" . Dakinhar ta' l-incident mertu ta' din il-kawza, l-

[1] Dokti. FX. 1 sa FX. 7
[2] Dokti. FX. 8 u RA. 2 .
[3] Dok. RA. 3
[4] Ara rapport peritali a fol. 16 – 21 tal-process
[5] Jospeh Attard v. Carmelo D'Amato; Appell Superjuri : 22.10.2002

attur kellu tlieta u hamsin (53) sena,[6] u ghalhekk kien ghad baqaghlu hajja lavorattiva ta’ madwar tmien (8) snin . Ma rrizultax ix-xoghol kien jaghmel fl-esteru qabel ma rritorna f’dawn il-gzejjer, imma ghal fini tal-kalkolu ta’ qliegh tieghu qed tittiehed somma qrib il-*minimun wage* odjerna u cioe’ tliet elef u sitt mitt lira (Lm3600) fis-sena . Id-debilita’ permanenti tieghu, kif gia nghad, giet stabilita mill-espert mediku ta’ hamsa fil-mija (5%) . Minhabba d-dewmien ta’ hames snin sakemm din il-kawza waslet ghas-sentenza u allura t-telf ta’ interessi, m’hu qed isir ebda tnaqqis ghall-*lump sum payment*[7] *.* Dan ghalhekk igib : Lm3600 x 8 x 5% = Lm1440 .

Tillikwida ghaldaqstant l-ammont totali dovut lill-attur bhala *damnum emergens* u *lucrum cessans* fis-somma totali ta : Lm84 + Lm1440 = Lm1524 (elf hames mija erbgha u ghoxrin lira maltija) .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u

1. tiddikjara illi d-danni sofferti mill-attur minhabba d-debilita’ li huwa sofra per konsegwenza ta’ l-incident stradali mertu ta’ din il-kawza, huma dawk likwidati f’din is-sentenza u cioe’ s-somma ta’ elf hames mija erba’ u ghoxrin lira maltija (Lm1524), u

2. tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tat-12 ta’ Awissu 1998 u ta’ l-ittra ufficcjali tat-28 ta’ Ottubru 1998 kontra l-istess konvenut .
S23698Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] Dan jirrizulta minn-numru tal-karta ta’ l-identita’ tieghu : 1845G (ara affidavit a fol. 26)
[7] Ara sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell hawn fuq citata .